The Court AUTHORISED the accused JEREMY CARUANA to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six Euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 36, and Article 23A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Illi d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat Jeremy Caruana ġie rrevokat permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja preseduta mill-Maġistrat Dott. Elaine Rizzo, LLD

That the ban on the publication of the accused Jeremy Caruana's name has been lifted through decree dated 11th June, 2024, given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry presided by Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD

Illum 20 ta' Ġunju, 2024

Today 20th June, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1388

ARB/C044/2024 – ORDNI TA' QBID U FFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Jean Paul Grech, LLD). Kumpilazzjoni Numru 472/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Jonathan Pace)

Kontra

DAVID GATT, sprayer, ta' 47 sena, iben Alfred Gatt u Rita Gatt xebba Azzopardi, imwieled l-Imtarfa, fis-17 ta' Frar, 1977, u residenti f'26, 'White Pearl', Flat 1, Triq il-Kappillan Magri, Il-Mellieħa, u detentur ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 153677M.

ORDNAT iż-żamma u s-sekwestru f'idejn partijiet terzi b'mod ġenerali l-flus u kull proprjetà mobbli oħra dovuta jew li tappartjeni jew li hija ta' DAVID GATT u tipprojbixxi lill-imputat milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, iwiegħed, jipoteka jew jibdel jew xort'oħra jiddisponi minn kwalunkwe proprjetà immobbli jew mobbli li tkun proprjetà ta' jew inkella miżmuma minnu, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta, tal-Artikolu 23A tal-Kodiċi Kriminali, Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u tal-Artikolu 36 tal-Att dwar ir-Rikavat mill-Kriminalità, Kap. 621 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputat li jirċievi l-ammont ta' tlettax-il elf disa' mija u sitta u sebgħin ewro u erbgħa u għoxrin ċenteżmu (€13,976.24) fis-sena, minn fejn għandhom jiġu speċifikati liema flejjes jistgħu jitħallsu jew jiġu rċevuti mill-imputat matul is-sussistenza ta' din l-ordni, ossija s-sors, il-mod u l-modalitajiet l-oħra tal-ħlas inklużi salarju, paga, pensjoni u/jew benefiċċji tas-sigurtà soċjali. B'dan illi kull entità finanzjarja hija ordnata li b'nota tinforma l-Qorti f'liema kont jew minn liema kont ikunu qed jiġu rċevuti l-istess flejjes.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A, fl-Artikolu 23A, u fl-Artikolu 36

ARB/C044/2024 – SEIZING AND FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st June, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Jean Paul Grech, LLD). Compilation Number 472/2024, in the case:

The Police
(Inspector Jonathan Pace)

Versus

DAVID GATT, sprayer, 47 years, son of Alfred Gatt and Rita Gatt née Azzopardi, born in Mtarfa, on the 17th February, 1977, and residing in 26, 'White Pearl', Flat 1, Triq il-Kappillan Magri, Mellieħa, and holder of Maltese Identity Card bearing number 153677M.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable property due to or pertaining or belonging to DAVID GATT and prohibits the accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise changing or disposing of any immovable or movable property owned or otherwise held by him, and this in terms of Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta, Article 23A of the Criminal Code, Cap. 9 of the Laws of Malta, and Article 36 of the Proceeds of Crime Act, Cap. 621 of the Laws of Malta.

The Court AUTHORISED the said accused to receive the amount of thirteen thousand, nine hundred and seventy-six euro and twenty-four cents (€13,976.24) per year, from which it shall be specified what moneys may be paid or received by the accused during the existence of this order, including the source, method and other modalities of payments including salary, wages, pension and/or social security benefits. Provided that every financial entity is ordered to present a note by which it informs the Court in which account or from which account these moneys are taken.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A, Article 23A, and Article 36

tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn tnax-il-elf ewro (€12,000), jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il (12) xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illi d-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem l-imputat David Gatt ġie rrevokat permezz ta' digriet mogħti fil-11 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja preseduta mill-Maġistrat Dott Elaine Rizzo, LLD

Illum 20 ta' Ġunju, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding twelve thousand euro (€12,000), or to imprisonment for a period not exceeding twelve (12) months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

That the ban on the publication of the accused David Gatt's name has been lifted through decree dated 11th June, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry presided by Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD

Today 20th June, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

1389

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Uffiċjal Eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)

Ikun jaf kulħadd illi b'digriet mogħti fis-7 ta' Mejju, 2024, il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, ordnat il-pubblikazzjoni tal-estratt riprodott hawn taħt u dan ai termini tal-artikolu 931(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.

B'digriet mogħti fis-7 ta' Mejju, 2024, ġie ordnat li jintgħażel kuratur deputat skont il-liġi sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt fl-atti taċ-ċedola ta' depożitu u fidi ta' ċens bin-numru 94/2024 fl-ismijiet Joseph Formosa nomine vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżenta lill-persuna jew persuni mhux magħrufa intitolati għall-ħlas taċ-ċens perpetwu tal-immobbli hawn taħt deskritt, liema ċedola ġiet ippreżentata fis-17 ta' April, 2024, fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, u fl-attijiet l-oħrajn kollha relattivi u sussegwenti.

L-immobbli oġġett ta' din iċ-ċedola huwa:

1. Il-porzjoni diviża mill-art magħrufa bħala 'Ta' Kirex' illi tinsab fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, għandha kejl ta' ċirka erba' mija u għaxar metri kwadri (410 m.k.) konfinanti min-Nofsinhar ma' beni ta' Wenzu Grima, mill-Punent ma' beni ta' Giuseppe Grima u mit-Tramuntana ma'

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Executive Officer of the Magistrates' Court (Gozo)

It is hereby notified that by a decree issued on the 7th May, 2024, the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, ordered the publication of the extract reproduced below in terms of article 931 (3) of the Code of Organisation and Civil Procedure.

By decree issued on the 7th of May, 2024, it was ordered that a deputy curator be chosen according to the law to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the property described below in the records of the schedule of deposit and redemption of ground rent bearing number 94/2024 in names Joseph Formosa nomine vs Deputy Curators nominated to represent the unknown person or persons entitled to the payment of the perpetual ground rent of the immovable herein described, which schedule of deposit was filed on the 17th of April, 2024, in the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section, and in all other relative and subsequent acts.

The immovable object of this schedule of deposit is:

1. The divided portion of land known as 'Ta' Kirex' located in the limits of San Lawrenz, Gozo, measuring circa four hundred and ten square meters (410m2) bounded from the south with property of Wenzu Grima, west with property of Giuseppe Grima and north with property of the heirs of Paolo

beni tal-eredi ta' Paolo Grima, jew irjieħ verjuri, kif suġġetta għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħin ċenteżmu (0.40c) gravanti fuqha u fuq il-porzjonijiet art deskritti aħjar fil-paragrafi sussegwenti, kollox kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Busuttil tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965), altrimenti libera u franka u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, u kif murija aħjar delineata fuq il-pjanta u site-plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dokument 'A';

Grima, or more correct boundaries, as subject to the annual and perpetual ground rent of forty cents (0.40c) imposed thereon and on the portions of land as better described in the subsequent paragraphs, all of which are better described in the deed in the records of the Notary Dr John Busuttil of the eighth (8th) of March of the year one thousand nine hundred and sixty-five (1965), otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, and as better shown delineated on the plan and site-plan attached to the schedule of deposit and marked as Document 'A';

2. Il-porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Ta' Kirex' illi tinsab fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, għandha kejl ta' ċirka mitejn u sittin metru kwadru (260 m.k.) konfinanti mill-Punent u mil-Lvant ma' beni ta' Michelangelo Micallef u min-Nofsinhar ma' beni tal-eredi ta' Paolo Axiaq, jew irjieħ verjuri, kif soġġetta għas-sehem tagħha miċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħin ċenteżmi (0.40c) gravanti fuqha u fuq il-porzjonijiet art deskritti aħjar fil-paragrafu preċedenti u dak sussegwenti, kollox kif aħjar deskritta fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Busuttil tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965), altrimenti libera u franka u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, u kif murija aħjar delinjata fuq il-pjanta u site-plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dokument 'B';

2. The divided portion of land known as 'Ta' Kirex' located in the limits of San Lawrenz, Gozo, measuring circa two hundred and sixty square meters (260m2) bounded from the west and from the east with property of Michelangelo Micallef and from the south with property of the heirs of Paolo Axiaq, or more correct boundaries, as subject to its share of the annual and perpetual ground rent of forty cents (0.40c) burdening it and on the portions of land better described in the previous paragraph and the subsequent one, all as better described in the deed in the records of the Notary Dr John Busuttil of the eighth (8th) of March of the year one thousand nine hundred and sixty five (1965), otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, and as better shown delineated on the plan and site-plan attached to the schedule of deposit and marked as Document 'B';

3. Il-porzjon diviż mill-art magħrufa bħala 'Ta' Kirex' illi tinsab fil-limiti ta' San Lawrenz, Għawdex, għandha kejl ta' ċirka mitejn u sebgħin metru kwadru (270 m.k.) konfinanti mill-Punent ma' beni ta' Wenzu Grima, min-Nofsinhar ma' beni ta' Wiġi Caruana u mil-Lvant ma' beni tal-eredi ta' Paolo Axiaq, jew irjieħ verjuri, kif suġġetta għas-sehem tagħha miċ-ċens annwu u perpetwu ta' erbgħin ċenteżmu (0.40c) gravanti fuqha u fuq il-porzjonijiet art fuq aħjar deskritti fiż-żewġ paragrafi preċedenti, kollox kif aħjar deskritt fil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dott. John Busuttil tat-tmienja (8) ta' Marzu tas-sena elf disa' mija u ħamsa u sittin (1965), altrimenti libera u franka u bid-drittijiet u pertinenzi kollha tagħha, u kif murija aħjar delinjata fuq il-pjanta u site-plan annessa maċ-ċedola u mmarkata bħala Dokument 'C'.

3. The divided portion by the land known as 'Ta' Kirex' located in the limits of San Lawrenz, Gozo, measuring circa two hundred and seventy square meters (270m2) bounded from the west with a property of Wenzu Grima, south with property of Wigi Caruana and from the east with property of the heirs of Paolo Axiaq, or more correct boundaries, as subject to its share of the annual and perpetual ground rent of forty cents (0.40c) burdening it and the other portions of land as better described in the two previous paragraphs, all as better described in the deed in the records of Notary Dr John Busuttil of the eighth (8th) of March of the year one thousand nine hundred and sixty-five (1965), otherwise free and unencumbered and with all its rights and appurtenances, and as better shown delineated on the plan and site-plan attached to the schedule of deposit and marked as Document 'C'.

Illi stante li l-ammont proporzjonali taċ-ċens gravanti kull porzjon ma huwiex kwantifikat, l-esponenti qiegħed għalhekk jibbaża l-kalkolu tiegħu fuq l-ammont ta' erbgħin ċenteżmu (0.40c) gravanti kull waħda mill-porzjonijiet art fuq elenkata;

Since the proportional amount of the ground rent burdening each portion is not quantified, the applicant is therefore basing his calculation on the amount of forty cents (0.40c) burdening each of the portions above listed;

Illi fl-ewwel lok, l-esponenti għal kull bon fini qed jiddepożita wkoll l-arretrati tal-aħħar ħames snin ċens u dan għalhekk jammonta għal sitt ewro (€6.00);

Whereas in the first instance, the applicant, in good faith, is also depositing the arrears of the last five years' ground rent and this therefore amounts to six euro (€6.00);

Illi fit-tieni lok, l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruħu mill-fakultà li tipprovdi l-liġi ai termini tal-artikolu 1501

Whereas in the second instance, the applicant wishes to avail himself of the faculty provided by the Law in terms

tal-Kap. XVI tal-Liġijiet ta' Malta u jifdi dan iċ-ċens (gravanti l-porzjonijiet art fuq imsemmija) fl-intier tiegħu illi kapitalizzat bir-rata ta' ħamsa fil-mija (5%) jammonta għal erbgħa u għoxrin ewro (€24.00);

Għaldaqstant, l-esponenti qiegħed umilment jadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tal-istess jgħaddi sabiex jiddepożita s-somma totali ta' tletin ewro (€30.00), minn liema somma l-ammont ta' sitt ewro (€6.00) rappreżentanti l-arretrati u s-somma ta' erbgħa u għoxrin ewro (€24.00) rappreżentanti l-prezz tal-fidi ta' dan iċ-ċens (gravanti l-porzjonijiet art kollha fuq indikati) annwu u perpetwu sabiex jingħataw liberament lill-intimat jew intimati wara li tiġi rilaxxata d-debita riċevuta skont il-liġi.

Inti, uffiċċjal eżekuttiv tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) għaldaqshekk ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt (6) ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Inti ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuratur tal-uffiċċju. U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali, hawn fuq imsemmija, bix-xhieda tal-Maġistrat Dott. Simone Grech, BA, LLD, Mag. Jur. (Eur. Law), Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Illum 7 ta' Mejju, 2024

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

of article 1501 of the Cap. XVI of the Laws of Malta and thus redeems this ground rent (including the aforementioned portions of land) in its entirety which capitalised at the rate of five percent (5%) amounts to twenty four euro (€24);

Therefore, the applicant is humbly submitting to this Honourable Court and under the authority he is depositing the total sum of thirty euro (€30), of which the sum of six euro (€6) represents the arrears and the sum of twenty-four euro (€24) representatives the redemption price of this annual and perpetual ground rent (encumbering all the land portions above indicated) to be given freely to the respondent or respondents after due receipt is released in terms of law.

You, executive officer of the Court of Magistrates (Gozo) are therefore ordered to affix an official copy of this notice at the entrance of this Court and thereby summon anyone who wants to appear as a curator to come forward within a period of six (6) days in this Registry and make a note declaring that he so accepts.

You are also ordered to inform each and every one that if they do not file this declaration within the time given above, this Court will proceed to choose a curator of the office. And after you have done this, or if you encounter any obstacle in the execution of this order, you should inform this Court.

Given by the Court of Magistrates (Gozo) Superior Jurisdiction, General Section, mentioned above, with the testimony of Magistrate Dr Simone Grech B.A. LLD Mag. Jur. (Eur. Law), a Magistrate of the aforementioned Court.

Today the 7th May, 2024

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

MARGARET DE BATTISTA
Assistant Registrar, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

1390

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Jannar, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 2824/2023, fl-ismijiet Joseph Camilleri vs Carmen Mallia, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Carmen Mallia a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 30 ta' Ġunju, 2023

By means of a decree of the 9th January, 2024, in the records of the judicial letter number 2824/2023 in the names Joseph Camilleri vs Carmen Mallia , the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Carmen Mallia in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 30th June, 2023

Lil Carmen Mallia (KI 131653M) ta' Aquarius, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Ħal Tarxien

Permezz tal-preżenti Joseph Camilleri (KI 533455M) ta' Tropicana Hotel, Triq Ball, Paceville, San Ġiljan, jagħmel referenza għall-kuntratt ta' kiri, ossija sullokazzjoni, tal-24 ta' Frar, 2004, illi bis-saħħa tiegħu inti tajt b'titolu ta' sullokazzjoni lill-mittenti l-fond Gullivers, Triq il-Wilġa, Paceville, San Ġiljan, illi jikkonsisti minn żewġ proprjetajiet separati adjaċenti u fiżikament interkonnessi magħrufa bħala The Gullivers Snack Bar u The Gullivers Lounge Bar u l-mittenti qiegħed b'seħħ ta' dak maħsub fl-artikolu 12 tal-imsemmi kuntratt jittermina u jħoll is-sullokazzjoni tal-imsemmi fond b'seħħ mill-1 ta' Settembru, 2023.

Int għandek allura fil-31 ta' Awwissu, 2023, tattendi fil-fond hekk issullokat fil-11.00 a.m. sabiex tirċievi ċ-ċwievet tal-imsemmi fond u l-pussess battal tal-istess fond mingħand il-mittenti u fin-nuqqas iċ-ċwievet tal-fond jiġu depożitati taħt l-awtorità tal-Qorti.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

To Camen Mallia (ID 131653M) of Aquarius, Triq il-Vittmi tal-Gwerra, Ħal Tarxien

By means of this present Joseph Camilleri (ID 533455M) of Tropicana Hotel, Triq Ball, Paceville, St Julian's, makes reference to the lease agreement, or rather a sub-lease of the 24th February, 2004, in virtue of which you granted a sub-lease to the interpellants on the premises Gullivers, Triq il-Wilġa, Paceville, St Julian's, which consists of two separate adjacent and physically interconnected properties known as the Gullivers Snack Bar and the Gullivers Lounge Bar and the interpellant is in virtue of the provisions in Article 12 of the said agreement, terminating and rescinding the sub-lease on the said premises with effect from 1st September, 2023.

You are therefore requested such that on the 31st August, 2023, at 11.00 a.m. you are present in the sub-leased premises so that you receive the keys of the said premises and the vacant possession of the same premises from the interpellant and in default the keys of the premises will be deposited under the authority of the Court.

So much so that you may know how to regulate yourself.

With costs

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1391

Permezz ta' digriet mogħti fil-25 ta' April, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5411/2023, fl-ismijiet Sandra (Alexandra) Vella et vs Mario Micallef, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Mario Micallef a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 18 ta' Diċembru, 2023

Lil Mario Micallef (KI 511766M) ta' 387, Ephlene, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara

Permezz tal-preżenti Sandra (Alexandra) Vella (KI 77863M) ta' 7, The Waterfront, Flat 6, Triq Stella Maris, San Pawl il-Baħar; Franesca Vella (KI 154184M) ta' 41, Triq il-Qalb Mqaddsa, Birkirkara; Patrick Vella (KI 183768M) ta' Elmo Mansions, Flat 2 Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar; u Adrian Vella (KI 424865M) ta' 11, Triq il-Ħatab, Ħ'Attard, jinterpellawk b'dan it-tieni avviż sabiex fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali, int tħallas il-kera dovuta fuq l-appartament bl-indirizz ta' Elmo

By means of a decree given on the 25th April, 2024, in the records of the judicial letter number 5411/2023, in the names Sandra (Alexandra) Vella et vs Mario Micallef, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Mario Micallef.

In the Rent Regulation Board

Today 18th December, 2023

To Mario Micallef (ID 511766M) of 387, Ephlene, Triq Fleur-de-Lys, Birkirkara

By means of this present Sandra (Alexandra) Vella (ID 77863M) of 7, The Waterfront, Flat 6, Triq Stella Maris, St Paul's Bay; Francesca Vella (ID 154184M) of 41, Triq il-Qalb Mqaddsa, Birkirkara; Patrick Vella (ID 183768M) of Elmo Mansions, Flat 2 Triq il-Qawra, St Paul's Bay; and Adrian Vella (ID 424865M) of 11, Triq il-Ħatab, Ħ'Attard, calls upon you by means of this second notice so that within fifteen days (15) from the service of this judicial letter, you pay the rent due on the apartment with the address of Elmo

Mansions, Flat 4, Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar, liema kera tammonta għal €6289.20. Din iċ-ċifra tirrappreżenta s-somma ta' tmintax-il (18) sena ta' kera, liema kera ilha ma tiġi mħallsa mis-sena 2006 u li għalhekk qatt ma tħallset. Il-kera annwali hija ta' Lm150 ekwivalenti għal €349.40 u li trid tħallas kull l-ewwel tas-sena bil-quddiem. Din l-ittra qiegħda tintbagħat ai termini tal-artikolu 9(a)(i) tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u l-imgħax

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Mansions, Flat 4, Triq il-Qawra, St Paul's Bay, which rent amounts to €6289.20. This amount represents the sum of eighteen (18) years of rent which rent has not been paid since the year 2006 and which has thus never been paid. The annual rent is Lm150 equivalent to €349.40 and has to be paid every new year in advance. This letter is being sent in terms of Article 9 (a) (i) of Cap. 69 of the Laws of Malta.

So much so that you may know how to proceed and regulate yourself.

With costs and interest

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1392

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fit-22 ta' Frar, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 5 ta' Settembru, 2024, fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-villa bl-isem Villa Tufli bin-numru uffiċjali tnax (12), f'Ħas-Sajjied Lane, Triq Ħas-Sajjied, magħruf bħala 'Ta' Ħas-Sajd' jew 'Ta' Kosbor', limiti ta' Ħaż-Żabbar, b'aċċess minn trejqa f'Ħas-Sajjied Lane u li tinsab fiż-żona barra mill-iżvilupp. Il-proprjetà tikkonsisti f'sit kbir ta' kejl ta' 1617mk li tinkludi żewġ binjiet u għalqa bil-pixxina magħha u parti minn kamra li kienet teżisti qabel, konfinanti mil-Lvant ma' proprjetà ta' Carmelo Mizzi, mill-Punent ma' proprjetà tas-suċċessuri fit-titlu tal-mejjet Professur Sir Luigi Preziosi u mit-Tramuntana mat-trejqa imsejħa 'Ta' Danier', libera u franka, bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħha, jew kif aħjar deskritt fl-atti tan-Nutar Joseph Smith La Rosa datat il-wieħed u tletin ta' Lulju, tas-sena elfejn u tmienja (31.7.2008) u fl-atti tan-Nutar Vanessa Buttigieg datat il-wieħed u għoxrin ta' Mejju, tas-sena elfejn u disgħa (21.5.2009) u stmata li tiswa miljun, seba' mija u sebat elef ewro u erba' mitt ewro (€1,707,400).

Din il-proprjetà kienet tinkera permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Patricia Hall datat is-sittax ta' Ġunju, tas-sena elfejn u għaxra (16.6.2010) lil terzi għal erbatax-il (14) sena li bdew jiddekorru mis-sittax ta' Ġunju, tas-sena elfejn u għaxra (16.6.2010) għal kirja ta' mitt ewro (€100) fix-xahar.

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Vasily Yakovchenko (passaport Russu numru Rus710169304) u Marina

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 22nd February, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 05th September, 2024 at eleven in the morning (11.00 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The villa called Villa Tufli with official number twelve (12), in Ħas-Sajjied Lane, Triq Ħas-Sajjied, known as 'Ta' Ħas-Sajd' or 'Ta' Kosbor', limits of Ħaż-Żabbar, with access from a road in Ħas-Sajjied Lane, and which is situated in an outside development zone. The property consists of a large site measuring 1617sqm, including two buildings and a field with a pool on it and part of a pre existing room, and is bounded on the east by property of Carmelo Mizzi, west by property of the successors in title of the late Professor Sir Luigi Preziosi, and north by the lane called 'Ta' Danier', free and unencumbered, with all its rights and appurtenances, or as better described in the acts of Notary Joseph Smith La Rosa dated the thirty first of July, of the year two thousand and eight (31.7.2008) and in the acts of Notary Vanessa Buttigieg dated the twenty first of May, of the year two thosuand and nine (21.5.2009) and is valued at one million, seven hundred and seven thousand euro and four hundred euro (€1,707,400).

This property was leased by means of a contract in the acts of Notary Patricia Hall dated the sixteenth of June, of the year two thousand and ten (16.6.2010) to third parties for fourteen (14) years, that started occuring on the sixteenth of June, of the year two thousand and ten (16.6.2010) for the lease of one hundred euro (€100) per month.

The said tenement is the property of Vasily Yakovchenko (Russian Passport number Rus710169304) and Marina

Yakovchenko (KI 50424A) u b'digriet datat 12 ta' Mejju, 2014, ġew nominati Dott. Cedric Mifsud u PL Veronica Rossignaud bħala kuraturi deputati għall-assenti.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 4/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum il-Ħamis, 20 ta' Ġunju, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Yakovchenko (ID 50424A) and by decree dated 12th May, 2014, Dr Cedric Mifsud and LP Veronica Rossignaud were nominated as deputy curators for the absent.

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 4/2023.

Registry of the Superior Courts, this Thursday, 20th June, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1393

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5395/2023, fl-ismijiet Graham Testta vs Etisicura Malta et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Etisicura Malta a tenur tal-Artikolu 187(5) tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti
Illum 15 ta' Diċembru, 2023

Lil: Etisicura Malta, fergħa tal-kumpanija barranija Etisicura s.r.l bin-numru OC 1315

Mark Mifsud bħala rappreżentant lokali tal-fergħa tal-kumpanija barranija Etisicura s.r.l bin-numru OC 1315

Permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-Sur Graham Testa, detentur tal-karta ta' identità numru 007191M, u residenti 8, Corner View Court, Flat 2, Triq il-Mitħna l-Qadima, Il-Mellieħa MLH 1340, Malta, filwaqt li jagħmel referenza għall-kuntratt ta' impjieg tiegħu tat-8 ta' Ġunju, 2020, kif sussegwentement emendat permezz tal-ftehim datat is-16 ta' April, 2021, qiegħed iżommok responsabbli għad-danni li hu sofra minħabba l-aġir illegali tiegħek lejh, inkluż il-ksur tal-istess kuntratt ta' impjieg, u fl-istess waqt jinterpellak tħallas l-ammonti lilu dovuti fl-isfond tal-impieg tiegħu miegħek u tat-terminazzjoni tal-istess impjieg, fosthom:

i. salarji, overtime, bonuses, u commissions dovuti u mhux imħallsa (inkluż l-imgħax) illi jammontaw għal ħames mija u dsatax-il elf, tmien mija u sbatax-il ewro (€519,817.00); u

ii. ħlas għal leave annwali akkumulat u mhux utilizzat sad-data tat-terminazzjoni tal-impieg illi jammonta għal għaxart elef ewro (€10,000); u

iii. ħlas tal-ammont ta' mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000) dovut f'każ ta' terminazzjoni minħabba raġuni ta' sensja (redundancy), kif ukoll kumpens għall-perijodu tan-notice illi jammonta ghal tmint elef ewro (€8,000).

By means of a decree of the 2nd May, 2024, in the records of the judicial letter number 5395/2023 in the names Graham Testa vs Etisicura Malta et, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Etisicura Malta in terms of Article 187(5) of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court
Today 15th December, 2023

To: Etisicura Malta, a branch of the foreign company Etisicura s.r.l, Registration Number OC 1315

Mark Mifsud as local representative of the branch of the foreign company Etisicura s.r.l , Registration Number OC 1315

By virtue of this judicial letter, Mr Graham Testa, holder of identity card number 007191M, residing at 8, Corner View Court, Flat 2, Triq il-Mitħna l-Qadima, Mellieħa MLH 1340, Malta, whilst referring to his employment contract of the 8th June, 2020, as subsequently amended by virtue of the agreement dated 16th April, 2021, is holding you responsible for the damages suffered by him consequent to the illegal actions towards him on your part, including the breach of the aformentioned employment contract. You are therefore being called upon to pay such amounts as are due to him in relation to his employment with you and to the termination of the same employment, including:

i. salaries, overtime, bonuses, and commissions due and unpaid (including interest), amounting to five hundred nineteen thousand, eight hundred and seventeen euro (€519, 817.00); and

ii. payment for annual accumulated leave which was not availed of up to the date of termination of employment in the amount of ten thousand euro (€10,000); and

iii. payment of the amount of two hundred and fifty thousand euro (€250,000) due in case of termination for reasons of redundancy, as well as compensation for the notice period which amounts to eight thousand euro (€8,000).

Minkejja diversi talbiet għall-ħlas ta' dak hawn fuq indikat mill-mittenti u korrispondenza skambjata bejnietkom, sal-lum il-ħlas baqa' ma sarx. Minbarra dan, saru diversi tentattivi mill-mittenti biex tingħatalu kopja tal-FS3 mill-kumpanija għas-sena bażi 2022, liema talbiet ukoll ġew injorati.

Għaldaqstant, il-mittenti formalment jinterpellak sabiex, fi żmien mhux iktar tard minn għaxart ijiem mid-data li tirċievi din l-ittra, tersaq għal-likwidazzjoni tal-ammonti lilu dovuti u l-ħlas tas-somma hekk likwidata u, fin-nuqqas, il-mittenti se jkun kostrett li jibda proċeduri ġudizzjarji kontrik skont il-liġi, inkluż li jitlob il-ħruġ ta' mandati opportuni, u dan mingħajr ebda preavviż ieħor.

Din l-ittra qiegħdha tintbagħat ukoll għall-finijiet ta' preskrizzjoni ai termini tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u sabiex tinterrompi l-istess fir-rigward tal-pagamenti dovuti lill-mittenti.

Il-mittenti huwa wkoll kostrett li jinnotifika lill-Malta Financial Services Authority (MFSA), u lill-Malta Business Registry (MBR) b'kopja ta' din l-ittra għall-informazzjoni tagħhom.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

Despite several requests for payment of the above as indicated by applicant as well as correspondence exchanged between you, to date no payment has been effected. Besides this, several requests were made by applicant to be provided with a copy of the FS3 by the company for the year 2022, such requests having being ignored to date.

Therefore, the applicant formally requests that, by no later than ten days from the date of receipt of this letter, you come forward for the liquidation of the amounts owed to him and for the payment of the sum thus liquidated, failing which, applicant will have no option but to institute judicial proceedings against you according to law, including the issuance of the opportune warrants, and this without any further notice.

This letter is also being sent for the purpose of interrupting the applicable prescriptive periods in terms of the provisions of Cap. 16 of the Laws of Malta.

Applicant is also obliged to notify the Malta Financial Services Authority (MFSA), and the Malta Business Registry (MBR) with a copy of this letter for their information.

For your better guidance.

With costs and interest up to the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1394

Permezz ta' digriet mogħti fit-12 ta' Ġunju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 1769/2024, fl-ismijiet Mario Said et vs Emmanuel Psaila, il-Bord li Jirregola l-Kera ordna s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Emmanuel Psaila a tenur tal-artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Bord li Jirregola l-Kera

Illum 15 ta' April, 2024

Lil Emmanuel Psaila (KI 19678M) ta' No. 42, P/H 4, Melea Court, Triq l-Għoljiet, Il-Mellieħa

Permezz tal-preżenti Mario Said (KI 574457M) u martu Mary Carmen Said (KI 510861M) ta' 15, Serenade, Triq Ganni Vella, Il-Mosta, jibdew billi jagħmlu referenza għall-iskrittura lokatizzja ta' bejnietkom datat 20 ta' Frar, 2020,

By means of a decree given on the 12th June, 2024, in the records of the judicial letter number 1769/2024, in the names Mario Said et vs Emmanuel Psaila, the Rent Regulation Board ordered the following publication in terms of Article 187(3) of Cap. 12 for the purpose of effecting service on the respondent Emmanuel Psaila.

In the Rent Regulation Board

Today 15th April, 2024

To Emmanuel Psaila (ID 19678M) of No. 42, P/H 4, Melea Court, Triq l-Għoljiet, Mellieħa

By means of this present Mario Said (ID 574457M) and his wife Mary Carmen Said (ID 510861M) of 15, Serenade, Triq Ġanni Vella, Mosta, commence by making reference to the lease agreement between you dated 20th February, 2020,

fir-rigward tal-fond kummerċjali bl-indirizz Saimar, Triq San Pawl tal-Qliegħa, Il-Mosta.

Il-mittenti bil-preżenti qegħdin għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u tal-kuntratt lokatizzju jġibu a formali konjizzjoni tiegħek illi in vista tan-nuqqasijiet serji u gravi tiegħek stante li ripetutament inqast milli tħallas il-kera minnek dovuta, illi huma se jeżerċitaw id-dritt tagħhom illi jitterminaw din il-kirja jekk inti ma tirregolax ruħek u tħallas l-arretrati kollha ta' kera l huma minnek dovuta lilhom fi żmien ħmistax-il (15) ġurnata min-notifika ta' din l-ittra uffiċjali.

Kun avżat illi f'każ li tibqa' moruż u tonqos milli tirregola ruħek fl-imsemmija ħmistax-il (15) ġurnata, il-lokazzjoni de quo agitur tiġi terminata ipso jure, mingħajr preavviż ieħor u jinbdew immedjatament proċeduri ta' żgumbrament fil-konfront tiegħek. Minn dakinhar jibdew jiddekorru wkoll penali ġjornaljeri ta' €150 fil-konfront tiegħek u dan skont l-artikolu 14 tal-kuntratt lokatizzju.

Din l-ittra qed tiġi notifikata lilek mingħajr ħsara għad-dritt tal-mittenti li jitolbu l-ħlas ta' danni kif ukoll l-ħlas ta' kull ammont ieħor li jkun minnek dovut skont l-imsemmi kuntratt lokatizzju.

Tant sabiex tagħraf timxi

Bl-ispejjeż u bl-imgħax sad-data tal-ħlas effettiv

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

regarding the commercial premises with address Saimar, Triq San Pawl tal-Qliegħa, Mosta.

The interpellants by means of this presently for all intents and purposes of law and of the lease contract bring to your formal notice that in view of your serious and grievous faults since you repeatedly failed to pay the rent due by you, they shall exercise their right; to terminate this lease if you do not regulate yourself and pay all the rent arrears due by you within fifteen (15) days from the service of this judicial letter.

Be advised that in case you remain in delay and fail to regulate yourself within the said fifteen (15) days, the lease de quo agitur will be terminated ipso jure, without further notice and immediately eviction procedures will be initiated against you. From that day daily penalties of €150 will also start to run against you according to Article 14 of the lease contract.

This letter is being notified to you without prejudice to the right of the interpellants to demand the payment of damages as well as the payment of any other amount due by you according to the said lease agreement.

So much so that you may know how to proceed

With costs and interest till the date of effective payment

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1395

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 310/2024, fl-ismijiet Noel Gauci vs Maria Carabott, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Maria Carabott a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 26 ta' Jannar, 2024

Lil Maria Carabott ta' 39, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

Permezz tal-preżenti Noel Gauci (KI 218071M) ta' Noel Auto Dealer, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, filwaqt li jagħmel referenza għall-kuntratt ta' kostituzzjoni ta' debitu in atti n-Nutar Naomi Mugliette tal-5 ta' Mejju, 2021, li permezz tiegħu int ikkostitwixxejt ruħek debitriċi lejn il-mittenti versu s-somma ta' €370,776, fuq liema somma jiddekorri

By means of a decree of the 9th May, 2024, in the records of the judicial letter number 310/2024 in the names Noel Gauci vs Maria Carabott, the First Hall of the Civil Court ordered the following publication for the purpose of effecting service on the respondent Maria Carabott in terms of Article 187(3) et sequitur of Cap. 12.

In the First Hall of the Civil Court

Today 26th January, 2024

To Maria Carabott of 39, Triq l-Imdina, Ħ'Attard

By means of this present Noel Gauci (ID 218071M) of Noel Auto Dealer, Triq l-Imdina, Ħaż-Żebbuġ, whilst referring to the contract of constitution of debt in the records of Notary Naomi Mugliette of the 5th May, 2021, in virtue of which you constituted yourself debtor towards the interpellant towards the sum of €370,776, on which sum

l-imgħax legali ta' 8% jinterpellak sabiex minnufih tersaq għall-ħlas tas-somma globali ta' €447,403.04 rappreżentanti €307,776 sorte u €76,627.04 imgħax mid-data tal-kuntratt.

Illi dan l-ammont huwa ċert likwidu u skadut u liema qed ikun ikkonfermat bil-ġurament mill-mittenti sabiex irendi eżekuttiv il-kostituzzjonità debitu tal-5 ta' Mejju, 2021, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kap. 12 u ta' Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

F'każ li tibqa' inadempjenti jittieħdu passi legali fil-Qorti kontra tiegħek.

Tant biex tagħraf tirregola ruħek

Bl-ispejjeż

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali

legal interest of 8% runs calls upon you so that immediately you come forward to the payment of the global sum of €447,403.04 representing €307,776 sorte and €76,627.04 interest from the date of the contract.

That this amount is liquid and due and which is being confirmed by the interpellant in order to render executable the constitution of debt of the 5th May 2021 according to the provisions of Cap. 12 and Cap. 16 of the Laws of Malta.

In case you remain in default legal action will be taken against you in Court.

So much so that you may know how to regulate yourself

With costs

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1396

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-30 ta' Mejju, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 5457/2023, fl-ismijiet Zammit Leasing and Investments Limited vs Princess Holdings Limited et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika lil Amor Ben Tanfous a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap. 12.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti

Illum 21 ta' Diċembru, 2023

Lil: Princess Holdings Limited

Amor Ben Tanfous (KI 20253A) ta' 22, San Girgor, Flat 3, Block A, Misrah Karmenu Grima, Iż-Żejtun, u/jew Black Pearl, Fl 2, Triq il-Buttunieri, Marsaskala

L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

1. Orders the increase in the rent of the land known as Tal-Wilġa, of measurement about 3,159 msq in the sum in the limits of Ħal Għaxaq in the amount of €2,250 per annum and/or any other amount as established by this Honourable Board for a period of eight years and this under all those terms and conditions which this Board deems fit and opportune, reserving any constitutional action that may be filed by the same applicant if the valuation of the land and market environments is not gratuitous to them because it is not valued according to the free market value.

Applicant: 56, Maria Assunta, Triq id-Dejl, Ħal Għaxaq

Respondent: Jason Zammit,Maisonette 2, Tulip Court, Triq Santa Klementina, Żurrieq

The application in the names Catherine Debono et vs Jason Zammit, Application number 9/2024SG, has been postponed for hearing to the 10th July, 2024, at 11.10 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1406

Permezz ta' digriet mogħti fit-3 ta' Ġunju, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors f'medjazzjoni numru 254/2023/2 JPG fl-ismijiet Sera Ciantar vs Josè Mifsud, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Josè Mifsud a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Sera Ciantar (KI 266099M) vs Josè Mifsud (KI 238199M) fl-atti tar-rikors f'medjazzjoni numru 254/23 JPG, ppreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fit-2 ta' Mejju, 2024, ir-rikorrenti Sera Ciantar talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tirrevoka contrario imperio d-digriet tagħha tat-8 Ġunju, 2021; u

2. Tiddikjara illi l-imsemmi digriet tat-8 ta' Ġunju, 2021, fattwalment skada fit-8 ta' Awwissu, 2021 u minn dak iż-żmien 'l hawn ma għandu ebda effett fil-liġi.

U dan salv kull provvediment ieħor li l-istess jogħġobha timponi.

Il-kawża fl-ismijiet Sera Ciantar vs Josè Mifsud (Rikors numru 254/2023JPG) hija differita għall-15 ta' Lulju, 2024, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: Gelgul Flats, Flat 4, Triq Ta' Barda, Marsalforn, Iż-Żebbuġ (Għawdex)

Notifika intimat: 348, Mifcrem, Flat 1, Triq San Tumas, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 3rd June, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the application in the acts of the mediation number 254/23JPG in the names Sera Ciantar vs Josè Mifsud, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Josè Mifsud in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the application in the acts of the mediation number 254/2023JPG in the names Sera Ciantar (ID 266099M) vs Josè Mifsud (ID 238199M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 2nd May, 2024, the applicant Sera Ciantar requested this Honourable Court to:

1. Revoke contrario imperio its decree of 8th June, 2021; and

2. Declare that the said decree of the 8th June, 2021, factually lapsed on the 8th August, 2021, and since then has no effect at law.

And this saving any other provision that the same deems fit to impose.

The application in the names Sera Ciantar vs Josè Mifsud, Application number 254/2023JPG, has been postponed for hearing to the 15th July, 2024, at 9.15 a.m.

Applicant: Gelgul Flats, Flat 4, Triq Ta' Barda, Marsalforn, Żebbuġ (Gozo)

Notifiction respondent: 348, Mifcrem, Flat 1, Triq San Tumas, Ħal Tarxien

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1407

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' April, 2024, mill-Qorti, Prim'Awla, fl-atti tal-bandu fl-atti taċ-ċedola numru 2656/2023, fl-ismijiet Ivan Patrick Johnston et vs Maria Carmela Cortis et ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex

By means of a decree of the 17th April, 2024, of the Civil Court, First Hall, in the records of the banns for curators in the application number 2656/2023, in the names Ivan Patrick Johnston et vs Maria Carmelo Cortis et, the following

isservi ta' notifika fil-konfront ta' Anthony Chetcuti a tenur tal-Artikolu 187 (3) et sequitur tal-Kap. 12.

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fid-29 ta' Diċembru, 2023, fuq talba ta' Ivan Patrick Johnston et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 2656/2023 fl-ismijiet Ivan Patrick Johnston et vs Maria Carmela Cortis et u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 2656/2023 ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fl-20 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet Ivan Patrick Johnston, bdot, iben James Johnston u Marian née Vassallo, imwieled fid-19 ta' Mejju, 1971, f'Ħ'Attard u residenti Ħ'Attard (KI 228971M) u martu Catherine Johnston, kindergarten educator, bint Victor Ross u Yvonne née Micallef, imwielda fl-10 ta' Ottubru, 1971, f'Tas-Sliema u residenti Ħ'Attard (KI 425171M) vs Maria Carmela Cortis armla minn Joseph Chetcuti, pensjonanta, bint Antonio Cortis u Caterina Chetcuti, imwielda fit-8 ta' Frar, 1936, fil-Gżira u residenti Tas-Sliema (KI 181136) u Kuraturi Deputati biex jirrappreżentaw lis-sidien mhux magħrufa tan-nuda proprjetà sitwata fi 53 u 55 Soleada, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard, fejn permezz tal-preżenti Ivan Patrick Johnston u Catherine Johnston esponew bir-rispett:

Illi huma jieħdu b'subċens ossija s-subutile dominju perpetwu mingħand l-intimata Maria Carmela Cortis il-fond 53, Soleada u l-garaxx interkonness bin-numru 55, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard, kif suġġetti għal ċens u subċens annwi u perpetwi kif se jingħad aktar 'l isfel bid-drittijiet u l-pertinenzi kollha tagħhom;

Illi l-esponenti akkwistaw dan il-fond mingħand l-aħwa Pace fil-25 ta' Marzu, 2002, in atti tan-nutar Dott. Victor John Bisazza, suġġett għal subċens ta' Lm13.43,0 li llum huma ekwivalenti għal €31.28;

Illi l-aħwa Pace, qabel ma wirtu din il-proprjetà bejniethom kienu akkwistaw l-istess fond mingħand Caterina Chetcuti li awmentat iċ-ċens eżistenti ta' ħames xelini u disa' soldi (£0.5s.9d) għall-imsemmi subċens li bil-valuta oriġinali kien ta' £13.8.9. Mhuwiex magħruf lil min kien pagabbli ċ-ċens originali;

publication for the purpose of service on Anthony Chetcuti was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by the First Hall of the Civil Court on the 29th December, 2023, following a request by Ivan Patrick Johnston et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown owners in the acts of the schedule of deposit number 2656/2023 in the names Ivan Patrick Johnston et vs Maria Carmela Cortis et and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 2656/2023 filed in the First Hall of the Civil Courts on the 20th December, 2023, Ivan Patrick Johnston, pilot, son of James Johnston and Marian née Vassallo, born on the 19th May 1971 in Ħ'Attard and residing in Ħ'Attard (ID 228971M) and his wife Catherine Johnston, kinder garten educator, daughter of Victor Ross and Yvonne née Micallef, born on the 10th October, 1971, in Tas-Sliema and residing in Ħ'Attard (ID 4251717(M) vs Maria Carmela Cortis, widow of Joseph Chetcuti, pensioner, daughter of Antonio Cortis and Caterina Chetcuti, born on the 8th February, 1936, in Gżira and residing in Tas-Sliema (ID 181136M) and Deputy Curators to represent the unknown owners of the property found in 53 and 55 Soleada, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard, the applicants Ivan Patrick Johnston and Catherine Johnston respectfully submitted:

That they possess by title of sub-emphyteusis, or rather by title of perpetual sub-emphyteusis from the respondent Maria Carmela Cortis, the premises 53, Soleada and the interconnected garage with number 55, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard, as subject to annual and perpetual groundrent and sub groundrent as shall be stated hereunder with all their rights and appurtenances;

That the applicants acquired this premises from the siblings Pace on the 25th March, 2002, in the records of Notary Dr Victor John Bisazza, subject to subgroundrent of Lm13.43,0 which today are equivalent to €31.28;

That the Pace brothers, before inheriting this property between them had acquired the same premises from Caterina Chetcuti who increased the existing groundrent of five shillings and nine pence (£0.5s.9d) for the said subgroundrent which in original currency amounted to £13.8.9. It is not known to whom original groundrent was payable;

Illi filwaqt li ċ-ċens oriġinali ta' £0.5s.9d ossija Lm0.28c6 ekwivalenti għal €0.43 jinfeda bir-rata normali ta' 5%, l-awment fuq dan iċ-ċens ossija s-subċens li nħoloq minn Caterina Cortis fil-konfront tal-aħwa Pace permezz tal-kuntratt tat-18 ta' Diċembru, 1957, in atti tan-Nutar Angelo Sammut, jinfeda bir-rata ta' 3%;

Illi l-esponenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà mogħtija lilhom mil-liġi, inkluż Artikolu 1501 tal-Kodiċi ta' Malta, għal biex jifdu kemm iċ-ċens perpetwu kif ukoll l-awment fuqu, ossija s-subċens perpetwu oltre li jħallsu ċ-ċens u s-subċens dovut fuq dawn l-aħħar ħames snin;

Illi għalhekk in vista ta' dak kollu premess, l-esponenti qed jadixxu lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qed jiddepożitaw is-segwenti:

a) L-ammont ta' ċens ta' €0.43 kapitalizzat bir-rata ta' 5% ammontanti għas-somma ta' €8.60,

b) L-ammont ta' ċens dovut għal dawn l-aħħar ħames snin fl-ammont ta' €2.15,

c) L-ammont ta' awment fuq iċ-ċens (ossija s-subċens imnaqqas minnu ċ-ċens) ta' €30.85 kapitalizzat bir-rata ta' 3% ammontanti għas-somma ta' €1,028.33,

d) L-ammont ta' awment fuq iċ-ċens (ossija s-subċens imnaqqas minnu ċ-ċens) dovut għal dawn l-aħħar ħames snin fl-ammont ta' €154.25.

Biex b'hekk l-ammont globali ta' €1,193.33 qed jiġi depożitat taħt l-awtorità ta' din l-Onorabbli Qorti sabiex kwantu għal €10.75 rigwardanti ċ-ċens jiġu żbankati mill-intimati sidien mhux magħrufa wara li jħallu d-debita riċevuta u kwantu għal €1,182.58 rigwardanti l-awment fuq iċ-ċens jiġu żbankati mill-intimata Maria Carmela Cortis wara li tħalli d-debita ricevuta.

Depożitanti: 53 Soleada, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

Notifika: Anthony Chetcuti, Belair House, Triq C. De Brockdorff, L-Imsida

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħżel kuraturi tal-uffiċċju.

That whilst the original groundrent of £0.5s.9d or rather Lm0.28c6 equivalent to €0.43 is redeemed at the normal rate of 5%, the increase on this groundrent or rather the subgroundrent created by Caterina Cortis, with respect to the siblings Pace, by means of the contract of the 18th December, 1957, in the records of Notary Angelo Sammut, is redeemed at the rate of 3%;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by law, including Article 1501 of the Civil Code of Malta, to redeem both the perpetual groundrent and the increase on it, that is the perpetual sub groundrent besides paying the groundrent and sub groundrent due over the last five years;

That thus in view of all that premised, the applicants are calling upon this Honourable Court and under its authority are depositing the following:

a) The amount of €0.43 capitalised at the rate of 5% amounting to €8.60,

b) The amount of groundrent due for the last five years in the amount of €2.15,

c) The amount of increase on the groundrent (that is the subgroundrent less the groundrent) of €30.85 capitalised at the rate of 3% amounting to the sum of €1,028.33,

d) The amount of increase on the groundrent (that is the subgroundrent deducted from the groundrent) due for the last five years in the amount of €154.25.

Thus the global amount of €1,193.33 is being deposited under the authority of this Honourable Court so that as for €10.75 regarding the groundrent be withdrawn by the respondents unknown owners after leaving the due receipt and as for €1,182.58 regarding the increase on the groundrent be withdrawn by the respondent Maria Carmela Cortis after leaving the due receipt.

Depositors: 53, Soleada, Triq in-Nutar Zarb, Ħ'Attard

Notification – Anthony Chetcuti, Belair House, Triq C. De Brockdorff, Msida

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 29 ta' Diċembru 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

And after so acting, or if you should encounter any difficulty in the execution of these bann, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 29th December 2023

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1408

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fis-6 ta' Ġunju, 2023, fuq talba ta' Angelo Pisani et ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw lis-suċċessuri fit-titolu tad-direttarju originali mhux magħrufa fl-atti taċ-ċedola numru 1114/2023 fl-ismijiet Angelo Pisani et vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' ċedola ta' depożitu u kontestwali fidi ta' ċens numru 1114/2023 ta' Angelo Pisani, irtirat, iben miżżewweġ il-mejta Carmelo Pisani u Carmela Pisani née Falzon, imwieled Ħal Tarxien fis-17 ta' Novembru, 1937 (KI 821037M) u residenti Ħaż-Żabbar, Grazia sive Grace Pisani, mara tad-dar, armla minn Emanuel sive Leli Pisani imwieled iż-Żejtun fil-21 ta' Frar, 1959 (KI 168659M) residenti Ħal Tarxien f'isimha proprju u f'isem għan-nom u fl-interess ta' wliedha, Georgia sive Gorga Cilia, pensjonanta, mara tad-dar, legalment separata minn Emanuel Cilia, bint George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon, imwielda Tal-Pietà fil-5 ta' Ottubru, 1950 (KI 829450M) u residenti Ħal Għaxaq, Josephine Scicluna, mara tad-dar, mart Joseph Scicluna, bint George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon, imwielda Ħal Tarxien fit-28 ta' Marzu, 1954 (KI 288654M) residenti Marsaskala, Pawlu Cutajar, pensjonant, legalment separat minn Daisy née Mizzi, bin George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon imwieled Ħal Tarxien fis-17 ta' Frar, 1953 (KI 208853M) u residenti l-Fgura, Joseph sive Guzi Cutajar pensjonant, miżżewweġ ma' Miriam Cutajar, bin George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon imwieled Ħal Tarxien fit-3 ta' Novembru, 1947 (KI 984747M) u residenti Ħaż-Żabbar; Rita Falzon Gouder, clerk, mart Mohammed Adnan,

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 6th June, 2023, following a request by Angelo Pisani et it was ordered that deputy curators be chosen to represent the unknown successors in title of the original direct owner in the records of the schedule of deposit number 1114/2023 in the names Angelo Pisani et vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a schedule of deposit and redemption of groundrent number 1114/2023 in the names of Angelo Pisani, retired, married of the late Carmelo Pisani and Carmela Pisani née Falzon, born in Ħal Tarxien on the 17th November, 1937 (ID 821037M) and residing in Ħaż-Żabbar; Grazia sive Grace Pisani, house wife, widow of Emanuel sive Leli Pisani born in Żejtun on the 21st February, 1959 (ID 168659M) residing in Ħal Tarxien in her own name and on behalf and interest of her children, Georgia sive Gorga Cilia, pensioner, house wife, legally seperated from Emanuel Cilia, daughter of George Cutajar and Salvina Cutajar née Falzon, born in Tal-Pietà on the 5th October, 1950 (ID 829450M) and residing in Ħal Għaxaq, Josephine Scicluna, house wife, wife of Joseph Scicluna, daughter of George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon, born in Ħal Tarxien on the 28th March, 1954 (ID 288654M) residing in Marsaskala, Pawlu Cutajar, pensioner, legally seperated from Daisy née Mizzi, son of George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon born in Ħal Tarxien on the 17th February, 1953 (ID 208853M) and residing in Fgura, Joseph sive Guzi Cutajar, pensioner, married to Miriam Cutajar, son of George Cutajar and Salvina Cutajar née Falzon born in Ħal Tarxien on the 3rd November, 1947 (ID 984747M) and

bint il-mejjet Angelo Falzon u Concetta Falzon née Gouder, imwielda l-Fgura fil-15 ta' Frar, 1966 (KI 152266M) residenti Marsaskala; u Celine Falzon, hairdresser, bint xebba tal-mejjet Angelo Falzon u Concetta Falzon née Gouder imwielda Tal-Pietà fil-15 ta' Marzu, 1978 (KI 181678M) u residenti l-Fgura, bħala eredi tal-mejjet Joseph sive Giuseppe Falzon kif ukoll Forvel Limited (C35812) registered address Sundrive Rentals, Triq it-Turisti, San Pawl il-Baħar vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw l-interessi tal-wirt tal-aħwa Antonio Cuschieri, John sive Giovanni Cuschieri u Carmelina Mizzi née Cuschieri, ippreżentata fil-Prim'Awla tal-Qorti fit-2 ta' Ġunju, 2023, fejn Angelo Pisani et esponew bir-rispett:

Illi l-imsemmija eredi ta' Joseph sive Giuseppe Falzon huma proprjetarji f'ishma diversi tal-fond urban bl-isem San Francisco uffiċjalment numerat 119 u bil-garaxx anness miegħu uffiċjalment enumerat 117 fi Triq Cospicua fil-Fgura bl-arja libera u bis-sottoswol liberu u frank bid-drittijiet, ġustijiet u l-pertinenzi kollha tiegħu;

Illi dan il-fond jinsab suġġett għaċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.33 jew lira Maltija li hija imniżżla għal iskop ta' informazzjoni biss;

Illi d-direttarji enfitewtiċi mhumiex magħrufa mill-esponenti u dan minkejja li ppruvaw jistabbilixxu min huma.

L-imsemmi fond ġie akkwistat mal-mewt ta' Joseph sive Giuseppe Falzon li miet fil-15 ta' Jannar, 2015, u skont l-aħħar testment minnu magħmul fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit datat 27 ta' Mejju, 2014 – insinwa 10916/2014 huwa ħalla numru ta' prelegali u nnomina bħala werrieta universali tiegħu lil:

a) Angelo u Emanuel sive Leli żewġt aħwa Pisani wlied il-mejta Carmelo Pisani u Carmela Pisani née Falzon, liema neputijiet jiġu wlied oħt Joseph sive Giuseppe Falzon għal kwota ta' terz (1/3) indiviż bejniethom,

b) Georgia Cilia Josephine Scicluna, Pawlu Cutajar u Joseph (ġieli indikat bħala Guzi) Cutajar ilkoll erbat aħwa Cutajar ulied il-mejta George Cutajar u Salvina Cutajar née Falzon, liema neputijiet jiġu wlied oħt Joseph sive Giuseppe Falzon għall-kwota ta' terz (1/3) indiviż bejniethom,

c) Carmel sive Celine Falzon u Rita Falzon Gouder żewġt aħwa Falzon ulied il-mejjet Angelo Falzon liema neputijiet jiġu wlied hu Joseph sive Giuseppe Falzon għall-kwota ta' terz (1/3) indiviż bejniethom;

residing in Ħaż-Żabbar; Rita Falzon Gouder clerk wife of Mohammed Adnan, daugher of the late Angelo Falzon and Concetta Falzon née Gouder, born in Fgura on the 15th February, 1966 (ID 152266M) residing in Marsaskala and Celine Falzon hairdresser daughter unmarried of the late Angelo Falzon and Concetta Falzon née Gouder born in Tal-Pietà on the 15th March, 1978 (ID 181678M) residing in Fgura as heirs of the late Joseph sive Giuseppe Falzon and also Forvel Limited (C35812) registered address Sundrive Rentals, Triq it-Turisti, St Paul's Bay vs Deputy Curators to represent the estate of the siblings Antonio Cuschieri, John sive Giovanni Cuschieri and Carmelina Mizzi née Cuschieri, filed in the First Hall of the Civil Court on the 2nd June, 2023, the applicants Angelo Pisani et respectfully submitted:

That the said heirs of Joseph sive Giuseppe Falzon are the owners in various shares of the urban premises with the name San Francisco officially numbered 119 and with the garage annexed thereto officially numbered 117 in Triq Cospicua in Fgura with the airspace and subsoil free and unencumbered with all its rights and appurtenances;

That these premises are subject to the annual and perpetual groundrent of €2.33 or Maltese lira which is listed for information only;

That the emphyteutical owners are not known by the applicants and this despite that they tried to establish who they are.

The said tenement was acquired on the death of Joseph sive Giuseppe Falzon who died on the 15th January, 2015, and according to the last will made by him in the records of Notary Jonathan Zammit dated 27th May, 2014 – note of reference number 10916/2014 he left a number of legacies and nominated as his universal heirs:

a) Angelo and Emanuel sive Leli two siblings Pisani children of the late Carmelo Pisani and Carmela Pisani née Falzon, whose nephews are the children of the sister Joseph sive Giuseppe Falzon as to a share of one third (1/3) undivided share between them,

b) Georgia Cilia Josephine Scicluna, Pawlu Cutajar and Joseph (sometimes indicated as Guzi) Cutajar all four siblings Cutajar children of the late George Cutajar and Salvina Cutajar née Falzon, whose nephews are the children of Joseph sive Giuseppe Falzon's sister as to a share of one third (1/3) undivided share between them,

c) Carmel sive Celine Falzon and Rita Falzon Gouder two brothers and sisters Falzon children of the late Angelo Falzon whose nephews are children of Joseph sive Giuseppe Falzon's brother as to a share of one third (1/3) undivided share between them;

Illi l-atti diklaratorji causa mortis tal-mejjet Joseph sive Giuseppe Falzon sar fl-atti tan-Nutar Jonathan Zammit datati 23 ta' April, 2015 – insinwa 7995/2015 tad-29 ta' April, 2015 – insinwa 9660/2015, u tat-28 ta' Mejju, 2015 – insinwa 11485/2015 sabiex b'hekk il-kwoti kollha ġew dikjarati u t-taxxa relattiva mħallsa fl-intier;

Illi l-espoenti jixtiequ jipprevalixxu ruħhom mill-fakultà lilhom mogħtija bis-saħħa tal-Artikolu 1501 tal-Kodiċi sabiex tifdi l-imsemmi ċens biex l-imsemmi fond isir liberu u frank minn kull ċens;

Illi l-ammont ta' €2.33 ikkapitalizzat bir-rata ta' 5% jammonta għal €46.60.

Għaldaqstant, l-esponenti a tenur tas-subartikolu 7 tal-istess artikolu 1501 tal-Kodici qiegħda tadixxi lil din l-Onorabbli Qorti u taħt l-awtorità tagħha qiegħda tiddepożita s-somma ta' €46.60 rappreżentanti l-kapitalizzazzjoni taċ-ċens annwu u perpetwu ta' €2.33 fuq imsemmi impost fuq il-fond imsemmi u arretrati ta' €11.65 rappreżentanti l-aħħar ħames snin ċens dovut fuqw l-istess art, liema somma tista' tiġi liberament irtirata mill-intimati, wara li titħala d-debita riżevuta skont il-liġi.

Notifiki: Direttur tar-Reġistru Pubbliku, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta
Kuraturi deputati

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Ian Spiteri Bailey, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 6 ta' Ġunju, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali

That the records of the declaration causa mortis of the deceased Joseph sive Giuseppe Falzon were made in the records of Notary Jonathan Zammit dated 23rd April, 2015 – note of reference number 7995/2015 of the 29th April, 2015 – note of reference number 9660/2015, and of the 28th May, 2015 – note of reference number 11485/2015 so that all the shares were declared and the relative tax paid in full;

That the applicants wish to avail themselves of the option given to them by virtue of Article 1501 of the Civil Code to redeem the said groundrent so that the said premises becomes free and unencumbered from any groundrent;

That the amount of €2.33 capitalised at the rate of 5% amounts to €46.60.

Thus, the applicant in terms of subarticle 7 of the same Article 1501 of the Civil Code is calling upon this Honourable Court and under its authority is depositing the sum of €46.60 representing the annual and perpetual groundrent of €2.33 above mentioned imposed on the said premises and arrears of €11.65 representing the last five years groundrent due on the same land, which sum can be freely withdrawn by the respondents after the due receipt according to law is paid.

Notification: Director Public Registry, Triq il-Merkanti, Valletta
Deputy curators

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Mr Justice Ian Spiteri Bailey, LLD, Doctor of Laws.

Today 6th June, 2023

Registry of the Superior Courts, today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1409

Permezz ta' digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-11 ta' Ġunju, 2024, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fir-rigward Think Catering Limited u Steve De Domenico.

Valhmor Borg Import Export Limited (C3062) ta' Pinto Wharf , Il-Marsa, ippreżentatTalba, fis-7 ta' Settembru, 2023, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil Think Catering Limited bħala debitur prinċipali u Steven De Domenico bħala garanti flimkien u in solidum mad-debitur prinċipali ta' 175, Hillside, Flat 9, Triq il-Qalb Imqaddsa, San Ġiljan, sabiex iħallsu s-somma ta' €7607.07, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 225/2023JG) hija differita għall-10 ta' Lulju, 2024, fil-11.05 a.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 11th June, 2024, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap 12) in regard of Think Catering Limited and Steve De Domenico.

Valhmor Borg Import Export Limited (C3062) of Pinto Wharf, Marsa, filed a Claim on the 15th November, 2021, whereby they asked the Court to condemn Think Catering Limited as principal debtor and Steve De Domenico as suerity together and in solidum with the principal debtor of 175, Hillside Flat 9, Triq il-Qalb Imqaddsa, St Julian's, to pay the plaintiff company the sum of €7607.07, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Notice number 225/2023JG) is deferred to the 10th July, 2024, at 11.05 a.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1410

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tal-31 ta' Lulju, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12) fil-konfront ta' Ahmed Hussein Hashi.

Go plc (C 22334) ta' Go, Triq Fra Diegu, Il-Marsa MRS 1501, ippreżentat Talba, fil-25 ta' Lulju, 2023, fejn talbet lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Ahmed Hussein Hashi (KI 128650A) ta' 23, St Rita, Flat 3A, Triq il-Kuluvert, Il-Fgura FGR 1852, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1934.89, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali

Il-kawża (Avviż numru 251/2023CC) hija differita għall-1 ta' Lulju, 2024, fin-12.30 p.m.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 31st July, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service on the respondent Ahmed Hussein Hashi in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Go plc (C 22334) of Go, Triq Fra Diegu, Marsa MRS 1501, filed a Claim on the 29th August, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Ahmed Hussein Hashi (ID 128650A) of 23, St Rita, Flat 3A, Triq il-Kuluvert, Fgura, FGR 1852, to pay the plaintiff company the sum of €1934.89, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and legal interests

The case (Claim number 251/2023CC) is deferred on the 1st July, 2024 at 12.30 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

Permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Ġunju, 2024, mill-Bord li Jirregola l-Kera fl-atti tar-rikors fl-ismijiet Paul Agius et vs Anthony Meilak Rikors numru 147/2024CG, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat Anthony Meilak a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' rikors fl-ismijiet Paul Agius (KI 412747M), Joanne Briffa Agius (KI 375672M), Claudia Farrugia (KI 408077M) u Noel Agius (KI 31583M) vs Anthony Meilak (KI 243562M) ippreżentat fil-Bord li Jirregola l-Kera, fis-26 ta' Marzu, 2024, ir-rikorrenti Paul Agius (KI 412747M), Joanne Briffa Agius (KI 375672M), Claudia Farrugia (KI 408077M) u Noel Agius (KI 31583M) talbu lil dan l-Onorabbli Bord għaliex m'għandux:

1. Iwettaq it-test tal-mezzi tal-intimat skont l-Artikolu 4A tal-Kap. 69 tal-Liġijiet ta' Malta u b'hekk jiddetermina jekk l-istess intimat jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi;

2. Fl-eventwalità li dan l-Onorabbi Bord isib li l-intimat jissodisfa l-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a) Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti somma ta' kera riveduta għal ammont ta' 2% fis-sena tal-valur liberu u frank fis-suq miftuħ tal-fond inkwistjoni fl-1 ta' Jannar tas-sena korrenti, liema rata ta' kera tkun revedibbli kull sitt (6) snin sakemm ma jintlaħaqx ftehim bejn il-partijiet,

b) Jistabbilixxi dawk il-kundizzjonijiet l-oħra ta' din il-kirja ġusti fis-suq miftuħ tal-lum, fosthom li l-inkwilin ma jistax iċedi l-kirja jew jissulloka l-fond jew xi parti minnu lil terzi, li ma jistax jagħmel tibdil strutturali fil-fond u li jkun obbligat iwettaq it-tiswijiet kollha meħtieġa fl-istess fond ħlief għal tiswijiet stutturali li jsiru meħtieġa mingħajr ħtijiet tiegħu;

u

3. Fl-eventwalità li dan il-Bord isib li l-intimat ma jissodisfax il-kriterji tad-dħul u tal-kapital tat-test tal-mezzi:

a) Ixolji l-kirja favur l-intimat Anthony Meilak tal-fond proprjetà tar-rikorrenti numru 45 bl-isem Sant'Antnin, li jinsab fi Triq San Ġwann, Il-Ħamrun,

b) Jagħti żmien perentorju lill-intimat Anthony Meilak li ma jkunx iżjed minn sentejn sabiex jivvaka minn dan il-fond

By means of a decree of the 17th June, 2024, of the Rent Regulation Board, in the records of the Application in the names Paul Agius et vs Anthony Meilak, Application number 147/2024CG, the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Anthony Meilak in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an application in the names Paul Agius (ID 412747M), Joanne Briffa Agius (ID 375672M), Claudia Farrugia (ID 408077M) and Noel Agius (ID 31583M) vs Anthony Meilak (ID 243562M) filed in the Rent Regulation Board, on the 26th March, 2024, the applicants Paul Agius (ID 412747M), Joanne Briffa Agius (ID 375672M), Claudia Farrugia (ID 408077M) and Noel Agius (ID 31583M) requested this Honourable Board why it should not:

1. Carry out the means test of the respondent, in terms of Article 4A of Cap. 69 of the Laws of Malta and thus determine whether the same respondent satisfies the criteria of income and capital of the means test;

2. In the event that this Honourable Board finds that the respondent satisfies the criteria of income and capital of the means test:

a) Condemn the respondent to pay the applicant a revised rent for an amount of 2% per annum of the free and open market value of the premises in question on the 1st January of the current year, which rent rate is revisable every six (6) years unless an agreement is reached between the parties,

b) Establish those other conditions of this fair lease in today's open market, amongst which that the lessee cannot grant the lease or sublet the premises or any part thereof to third parties, who cannot make structural changes in the premises and who shall be obliged to carry out all necessary repairs in the same premises except for structural repairs which become necessary without his fault;

and

3. In the event that this Board finds that the respondent does not satisfy the criteria of income and capital of the means test:

a) Terminate the lease in favour of the respondent Anthony Meilak of the premises owned by the applicant number 45 with the name Sant'Antnin, situated in Triq San Ġwann, Ħamrun,

b) Give the respondent Anthony Meilak a peremptory period which shall not exceed two years to vacate from this

u jirrilaxxah liberu u battal u f'kundizzjoni tajba a favur tar-rikorrenti,

c) Jikkundanna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti kumpens għall-okupazzjoni tal-fond inkwistjoni matul il-perjodu ta' żmien akkordat fit-talba preċedenti.

Bl-ispejjeż kontra l-intimat li jibqa' inġunt minn issa sabiex jidher għas-subizzjoni u b'riżerva għal kull azzjoni spettanti lir-rikorrenti kontra l-istess intimat, inkluż kwalsijasi azzjoni għad-danni jekk ikun il-każ.

Rikorrenti: Paul Agius et, 6, Casa Agius, Triq Santa Marija, Il-Ħamrun

Intimat: Anthony Meilak, 45, Sant'Antnin, Triq San Ġwann, Il-Ħamrun
L-Awtorità tad-Djar

Ir-rikors fl-ismijiet Paul Agius et vs Anthony Meilak, Rikors numru 147/2024CG, jinsab differit għas-27 ta' Ġunju, 2024, fil-10.50 a.m.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 24 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

premises and release it free and unencumbered and in good condition in favour of the applicant,

c) Condemn the respondent to pay the applicant compensation for the occupation of the premises in question during the period of time granted in the preceeding demand.

With costs against the respondent who is from now summoned so that a reference to his oath be made and reserving any action due to the applicant against the same respondent, including any action for damages if the case may be.

Applicants: Paul Agius et, 6, Casa Agius, Triq Santa Marija, Ħamrun

Respondent: Anthony Meilak, 45, Sant'Antnin, Triq San Ġwann, Ħamrun
Housing Authority

The application in the names Paul Agius et vs Anthony Meilak, Application number 147/2024CG, has been postponed for hearing to the 27th June, 2024, at 10.50 a.m.

Registry of the Superior Courts, today 24th June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

1412

B'dan l-avviż ikun magħruf illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja, fl-10 ta' April, 2024, Rikors numru 323/2024, minn Joanna Storr née Bonnici fejn talbet li tiġi ddikjarata miftuħa favur tagħha s-suċċessjoni ta' missierha Saviour Bonnici, bin il-mejtin Anthony Bonnici u Giovanna Bonnici née Cutajar, imwieled Ħaż-Żabbar, kien residenti Ħaż-Żabbar u miet Tal-Qroqq, L-Imsida, fl-4 ta' Jannar, 2024, ta' 66 sena, u li kellu karta tal-identità bin-numru 0231957M.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa msejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu u l-avviżi skont il-liġi.

Reġistru tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni ta' Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 21 ta' Ġunju, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of an application filed in the Civil Court of Voluntary Jurisdiction Section, on the 10th April, 2024, Application number 323/2024, by Joanna Storr née Bonnici whereby she requested that it be declared open in her favour the succession of her father Saviour Bonnici, son of the late Anthony Bonnici and Giovanna Bonnici née Cutajar born in Ħaż-Żabbar, resided in Ħaż-Żabbar and died in Tal-Qroqq, Msida, on the 4th Januay, 2024, aged 66, and who held identity card number 0231957M.

Wherefore, any person who believes to have an interest in the matter is hereby called upon to appear before the said Court and to bring forward his objections hereto by a minute to be filed within fifteen days from the posting of the banns and notices according to law.

Registry of the Civil Court, Voluntary Jurisdiction Section

Today 21st June, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Court and Tribunals

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603